KLR 8/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Joseph Debrincat.

**8.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' ftehim li hemm bejn il-membri Buttigieg u Portelli. Hu qal li tkellem maż-żewġ partijiet sabiex il-kwistjoni ma titwalx aktar. Qal li għandna nħarsu l-quddiem u mhux lura u nikkontrollaw il-mod ta' kif nitkellmu u naraw li l-affarijiet jimxu kif xieraq. Hu konvint mir-rieda tajba mill-partijiet sabiex il-Kunsill jibqa' miexi l-quddiem b'mod posittiv.

Il-Viċi Sindku qal li kien hemm nuqqas ta' ftehim u l-kwistjoni twalet u ma kienx hemm għalfejn anke' peress li d-deċiżjoni fuq l-*un/loading bay* fil-bidu ta' Triq Santa Dminka ttieħdet fil-Kunsill. Tenna li kieku kien fis-sitwazzjoni tal-membru Portelli u jiġu terzi jagħmlu għal ommu żgur li r-rejazzjoni tiegħu kienet tkun bħal ta' Portelli jew agħar. Fil-fehma tiegħu jaħseb li Portelli waqgħet f'konklużjoni żbaljata peress li ma kienitx preżenti għall-laqgħa meta ttieħdet id-deċiżjoni. Mill-banda l-oħra, Buttigieg anke' jekk kien korrett meta ressaq kollox kif suppost quddiem il-Kunsill, seta' qagħad lura minn ċerta lingwaġġ. Il-Viċi Sindku sostna li daħal fis-sitwazzjoni għax-xtaq li jiġu solvuti l-affarijiet u li skond hu, it-tnejn għandhom jiskużaw ruħhom u jiritiraw il-kliem li ntqal sabiex is-sitwazzjoni tiġi għan-normal.

Maria Portelli qalet li hi mhux ser tmur lura minn dak li qalet għax ma kienitx żbaljata minħabba li għanda kopja ta' emejls tal-Ministeru t'Għawdex li juru l-isem tal-kunsillier involut. Żiedet li hi ser tibqa' tiġi l-laqgħat tal-Kunsill u taf li Buttigieg mhux ser jiskuża ruħu. Hi qatt m'attakat lil ħadd u qatt m'għamlet azzjonijiet il-barra mir-*remit* tagħha.

Michel Buttigieg qal li ma jiddispjaċieħx milli għamel u m'għandux għalfejn jiskuża ruħu. Hu ħareġ mill-kamra.

Charlie Ħili qal li għandħa tintalab apoloġija mill-Partit Laburista.

## 8.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri

Din il-mozzjoni ma tressqitx peress li l-proponent ħareġ mill-laqgħa.

## 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qal lill-membri li r-Reġjun Għawdex għarraf lill-Kunsilli Lokali li ser isir proġett fejn jiġu nstallati *Automated External Defibrillator* (AED) f'kull loklaita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan isir fi Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu.

## 8.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.4.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward Ċirkulari 9/2017 – Inizjattiva Finanzjarja – Kultura;

8.4.2 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward PC94/99. Il-Perit Edward Scerri qal li ma jidhirx li ser taffetwa terzi peress li tinvolvi bdil fil-*layout* interna tat-triq approvata f'nofs il-propjeta' ta' Magro Bros. fejn kellhom il-fabbrika l-antika fi Triq il-Wied;

8.4.3 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward PC1012/14. Il-Perit Edward Scerri qal li ma jidhirx li ser taffetwa terzi peress li qed jipproponu li jħarrku bi ftit il-linja uffiċċjali mal-bini eżistenti fi Triq iċ-Ċangar;

8.4.4 l-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali fejn intbagħtet ittra mill-Awtorita' tal-Artijiet li turi l-ħruġ ta' permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut ta' 38A, fi Triq Repubblika;

8.4.5 il-Perit Deborah Busuttil li kitbet għan-nom ta' Noel Mercieca li għandu propjeta' fi Sqaq Numru 1 fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Qed jintalab sabiex jerġa' jinfetaħ taraġ mill-propjeta' ta' Mercieca għal ġo l-isqaq. Il-membri qablu li l-Perit Busuttil għandha tikkonsulta mal-Perit tal-kunsill, il-Perit Edward Scerri, sabiex il-kunsill jimxi fuq il-parir li jingħata mill-perit tiegħu

8.4.6 Joseph Refalo fejn bagħat irċevuta ta' €345.00 li turi x-xiri ta' *tyre* ta' karozza. Refalo bagħat ukoll rapport tal-Pulizija li juri li faqa' *tyre* tal-karozzi fi Triq l-10 ta' Ġunju 1887. Hu qed jitlob li jiġi rimborsat tal-ispejjes. Il-membri qablu li jittieħed parir legali qabel issir xi ħlas;

8.4.7 Anton Mizzi fejn talab li titranġa l-parti ta' quddiem id-dar tiegħu fi Triq Ġuże' Ellul Mercer, minħabba li meta tagħmel ix-xita jittajjar l-ilma għall faċċata tiegħu. Ġie kkonsualtat il-Perit tal-Kunsill. Skont il-Perit, bis-suġġeriment ta' Mizzi ma tistax' tiġi solvuta il-problema peress li t-toroq kollha tal-*area*, inkluż iż-żewġ arterji, Triq Santa Dminka u Triq it-Tabib Anton Tabone għandhom din il-problema li tista' tiġi solvuta biss billi jsir pjan ta' *water catchement* għal dawn it-toroq kollha;

8.4.8 il-Perit Edward Scerri fejn kiteb għan-nom ta' Joseph Haber li għandu ħanut tal-*catering* fi Pjazza Savina. Qed jintalab n-*no objection* tal-Kunsill sabiex tiġi estiża l-*area* eżisenti għall-imwejjed u s-siġġijiet u ssir toqba fl-art għat-tqegħid ta' umbrella. Il-membri ma qablux maż-żewġ talbiet. L-ewwel waħda peress li ser jintmess parkeġġ tal-karozzi u t-tieni ma jaqblux li ssir toqba fl-art;

8.4.9 Ramon Caruana li joqgħod fi Triq San Ġorġ. Ċertifikat mediku juri li għandu bżonn jipparkja qrib daru. Il-membri qablu li jinħareġ permess ta' tlett xhur li jista' jipparkja qrib daru għall-tletin minuta.

<u>Dawl tat-toroq</u>

Tressqet talba sabiex:-

8.4.10 titneħħa temporanjament bozza 345/11 sakemm jitwaqqa u jerġa' jinbena post fi Triq it-Tabib Anton Tabone ( PA/02695/19). Il-membri qablu;

8.4.11 tiġi xxiftjata bozza numru 316/11għal fuq arblu ġdid tal-Enemalta. Il-post li miegħu hemm il-bozza ser jitwaqqa (PA/06404/19). Il-membri qablu;

8.4.12 ssir bozza ġdida fi Triq Ġuże' Cremona mad-dar ta' Dr Michael Refalo. Din it-talba saret mingħand Refalo stess li aċċetta li ssir mal-propjeta' tiegħu. L-Enġiniera għandhom jaraw tistax issir.

**8.5 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

8.5.1 *double yellow line* faċċata tal-garaxx ta' 53A, Blokk 53, Triq San Duminku;

8.5.2 parkeġġ riservat fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* għall-*orthopeadic surgeon* li jaħdem fl-isptar t'Għawdex u joqgħod fi Triq Palma;

8.5.3 tneħħija ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' li m'għadux jintuża quddiem, 'Hosanna, Triq Ġuże' Ellul Mercer.

Intalab il-permess għall-

8.5.4 *un/laoding bay* quddiem 'Domenic Department Stores' fi Triq San Leonardu. TM għandha tagħti l-veduti tagħha;

8.5.6 *un/loading bay* quddiem 'Baron Group of Companies' fi Triq Karlu Galea. TM għandha tagħti l-veduti tagħha.

Korrispondenza u punti oħra

8.5.7 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Marguerite Tabone, ta' 14, Pjazza San Franġisk. Il-Kunsill ser jimla' l-formola rikjesta minn TM.

8.5.8 TM talbet lid-Direttur *Strategy and Support* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex r-*roundabout* li hemm int u ġej minn ta' Kerċem, tiġi elevata mit-triq permezz ta' *bricks* jew tarmak biex tgħin iżjed fid-direzzjoni ta' min jagħmel użu minn din it-triq.

8.5.9 Id-dentist Joseph Xuereb li għandu Savina Dental Clinic Ltd. bagħat korrispondenza fejn qed jissuġġerixxi li fl-*area* jsir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita'. Fi Pjazza Savina kien hemm parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' faċċata tal-knisja u dan ġie rilokat għal wara l-moumnet meta l-monti beda jarma f'din il-pjazza. Parkeġġ riservat ieħor kien fil-bidu ta' Triq Santa Marija li issa tneħħa minħabba l-fatt li minn kien talbu ġie nieqes. Id-dentist qed jgħid li persuni b'diżabilita' li jkollhom bżonn jagħmlu użu mil-klinika tiegħu qed ikollhom diffikulta sabiex jipparkjaw fil-qrib peress li l-parkeġġ li jinsab wara l-monument ikun dejjem okkupat anke' minn persuni li jieqfu jagħmlu qadjiet żgħar. Qed jissuġġerixxi wkoll li jsir *un/laoding bay* għal-ħwienet tal-*area*. Il-membri qablu li dawn is-suġġerimenti għandhom jgħaddu għand TM sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

8.5.10 Vincent Xerri li joqgħod fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Xerri ressaq problema li tqajmet rigward l-użu ta' parkeġġ komunali għall-perusni b'diżabilita' li sar quddiem tiegħu għall-użu t'ommu, detentur ta' *blue sticker* u li tgħix miegħu. Dan il-parkeġġ qed jintuża abbużivament minn perusna oħra li ma tgħix f'din it-triq u tħalli vettura pparkjata bi *blue sticker* f'dan il-parkeġġ ġurnata wara ġuranta. Il-membri qablu li TM għanha tiġi mgħarfa b'din is-sitwazzjoni sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**8.6 Proġetti**

8.6.1 Tarmak Triq Ġorġ Pisani – Il-Perit Edward Scerri bagħat lill-Kunsill li lir-residenti kellimhom u għarrafhom li qabel issir l-espropjazzjoni tal-parti mhux miftuħa tat-triq huwa diffiċli li jsir ir-*resurfacing* tal-parti fejn hemm id-djar minħabba r-riskju li l-Kunsill jiġi mfittex mis-sidien tar-raba' għall-ħsara. Jekk isir gandott xorta jrid isir l-espropjazzjoni minn fejn jgaħddi l-ilma, proċess li mhux fir-responsabbilita' tal-Kunsill. Meta ssir l-espropjazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet fuq talba tal-Gvern Ċentrali, jew isir *culvert* mit-tarf tat-triq il-Belliegħa jew tinfetaħ il-kumplament tat-triq u ma jkunx hemm problemi ta' fejn ser jaqa' l-ilma. Il-Perit issuġġerixxa li fi-preżent it-triq tinżamm mingħajr ħofor kemm jista' jkun, speċjalment meta tagħmel ix-xita. Żied li l-Kunsill għandu jara jekk il-Ministeru għal Għawdex hux għaddej bil-proċess tal-espropjazzjoni u qal li l-offerta ta' Triq Marsalforn nħarġet u tinkludi Triq Ġorġ Pisani.

8.6.2 Rigward it-tarmak fi Triq Wied Sara - Tressqet proposta sabiex jekk ikun possibli tinħareġ offerta konġunta mal-Kunsill Lokali tal-Għasri peress li dan il-kunsill ukoll talab il-fondi mill-Ministeru għal Għawdex għax-xogħol ta' din it-tirq, għall-parti li taqa' fil-konfini tal-

Għasri. Il-membri qablu u l-Kunsill għandu jikkonsulata fuq din il-materja sabiex jekk hu possibli tinħreġ offerta konġunta wara li jiinġabu l-fondi mitluba lill-Ministeru għal Għawdex.

8.6.3 Restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar – Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li talbet lil-Perit sabiex iħejji stima ta' kemm jiġi x-xogħol. Talbet il-permess ta' sid id-dar sabiex ikun jista' jsir ir-restawr.

8.6.4 Pjazza Santu Wistin – Is-Sindku għarraf lil membri li l-eks Ministru għal Għawdex, l-Onor. Justyne Caruana, kienet uriet ix-xewqa li dan ix-xogħol isir mill-Ministeru għal Għawdex jekk ma jkunx possibli li jsir mill-Kunsill.

8.6.5 Tqaxxir u kisi bit-tarmak - Telgħa ta' Majru – Tressqet stima tax-xogħol mill-Perit Mario Cordina. Billi ntbgħatet illum, il-membri qablu li din terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex jilħqu jarawha fid-dettall.

8.6.6 Tranġar ta' xquq fi Triq iċ-Ċangar - Tressqet stima tax-xogħol mill-Perit Mario Cordina. Billi ntbgħatet illum, il-membri qablu li din terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss sabiex jilħqu jarawha fid-dettall;

**8.7 Estmi 2020**

Ġew approvati l-estmi għas-sena 2020. Dawn skont dokument A anness.

**8.8 Laqgħa tal-Lokalita'**

Id-data ser tiġi deċiża fil-laqgħa li jmiss.

**8.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2020 skont dokument B anness.

**8.10 Xogħlijiet oħra**

**Il-membri qablu li:-**

8.10.1 tiġi ppubblikata l-lista u l-kaxxi tal-bejjiegħa tal-monti fil-Gażżetta tal-Gvern. Dan skont l-Artikoli 12 u 16 (1) (d) tal-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Kap. 441);

8.10.2 tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ambjent (ERA) sabiex jinżabbru s-sigar ta' Pjazza Indipendenza u Triq Vajrinġa;

8.10.3 jitpoġġa *dog litter bin* fi Triq il-31 ta' Marzu 1979;

8.10.4 l-*bollards* li tpoġġew fi Triq Palma, jsiru b'mod li jkunu jistgħu jinqalgħu. Dan minħabba emerġenzi w anke' xogħlijiet li jistgħu isiru fi propjetajiet fi Triq Agius De Soldanis;

8.10.5 tintalab stima sabiex jitneħħew il-fili tal-porfido u jerġgħu jitkaħħlu fi Triq San Ġorġ minn Triq Providenza san-numru 24. Dan minħabba li hemm porfido li qiegħed il-fuq u mhux invellat u hu ta' periklu;

8.10.6 jitpoġġew *CCTVs* fl-uffiċċju tal-*Customer Care* tal-Kunsill. Dan sabiex ikun hemm aktar sigurta';

8.10.7 l-Kunsill jistaqsi lir-Reġjun Għawdex fl-liema proċess jinsab il-ħruġ tal-offerti tal-manteniment tad-dawl tat-toroq;

8.10.8 tiġi organiżżata attivita' f'Ġunju in konnessjoni ma Jum il-Belt Victoria bis-sehem taż-żewġ soċjetatjiet tal-baned u t-tlett klabbs tal-futboll. Il-Kunsill għandu jara jekk jistax isir *tournament* ta' *street football* fi Pjazza Indipendenza u ż-żewġ soċjetajiet jorganiżżaw attivitajiet matul il-ġurnata sa tard bil-lejl. Il-Kunsill għandu jiddiskuti din il-materja aktar fid-dettall;

8.10.9 jiġi organiżżat Song Festival Marjan fi Pjazza Katidral nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu 2020. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €400;

8.10.10 jinxtraw €100 trofej għat-tberik ta' l-annimali li jsir fi Pjazza Santu Wistin nhar il-Ħadd 2 ta' Frar 2020;

8.10.11 l-membri u s-Segretarju Eżekuttiv iżuru Nichelino fil-ġimgħa ta' wara l-Għid sabiex jitkompla l-ġemellaġġ. Paul Galea li hu eks Sindku għandu jgħati dettalji rigward din iż-żjara;

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li:-

8.10.12 tpoġġiet il-*hanger* biex jiddendel l-iskart magħha qrib Blokk IA f'taċ-Ċawla H.E. u din inqalgħet minn terzi dakinhar stess bil-lejl;

8.10.13 mill-SPCA intalab sabiex tiġi mbattla fossa li għandhom biswit il-bini tagħhom. Il-membri qablu li dan mhux kompitu tal-Kunsill.

**8.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2020 fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv